MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 713/2010

Cutrico Services Limited (C-9586).

Vs

Philip Borg (Id. 359968M) u Mary Grace Pisani (Id. 152073M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u seba u tletin Ewro u erba u disghin centezmu (€2,837.94) minghand il-konvenuti in solidum bejniethom, rapprezentanti l-valur totali ta' tmienja u hamsin kambjala, kull wahda ghall-valur ta' tmienja u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€48.93), minnhom accettati u ffirmati, gja maturi u dovuta u enumerati bin-numri 3 sa 60. Bl-ispejjes u bl-imghax dekorribbli mill-iskadenza ta' kull kambjala, kontra l-konvenuti in solidum ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta' elfejn, tmien mija u seba u tletin Ewro u erba u disghin centezmu (€2,837.94), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------